KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 378

It-Tnejn 30 ta' Settembru 2019

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg (ħareġ fis-7.10pm)
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia (daħlet fis-6.35 ta' filgħaxija)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

378.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit.

378.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 378.

Punti li joħorġu mill-Minuti 378

378.2.1 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-Minuti 376. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-Minuti.

378.2.2 375.3.1 Is-Sindku qal li konna rċevejna konferma mid-Dipartiment tax-Xogħol u Infrastruttura li r-railing kien ġie inkluż fil-programm tax-xogħol tagħhom. Għaldaqstant, issa qegħdin f'pożizzjoni aħjar li nitkellmu mal-Avukat tal-Kunsill fuq l-ammont li għandu jitħallas.

378.2.3 375.10 Is-Sindku qal li kien tkellem mal-Arċipriet rigward il-possibilita' li titpoġġa *bring-in-site* quddiem iċ-ċimiterju, iżda jidher li hemm proġett ta' estensjoni u għalhekk dan ma kienx l-idejali. Huwa talab lill-Kunsilliera biex jekk jinstab sit adattat iressqu l-proposta tagħhom.

378.2.4 376.2.9 Is-Sindku qal li kien iltaqa' l-Kumitat Infrastruttura rigward il-proposta ta' marki tat-toroq fil-bidu ta' Wied Xkora. Il-Kunsillier Julian Borg qal li tlestiet *sketch* li ser tiġi ċirkulata lill-Kunsilliera, fejn wara tiġi mressqa lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

378.2.5 376.11.1 Is-Sindku qal li rigward l-Applikazzjoni PA/06015/19 Barriera 31, Ta' Dmejrek, ra id-dokumentazzjoni relatata fil-file LCS14/05, u qal li l-Kunsill ser iressaq il-pożizzjoni tiegħu meta din titlesta mil-perit u l-avukat tal-Kunsill.

378.2.6 376.12.4 Is-Sindku qal li kienet riċevuta mid-dipartiment *template* tal-*ispecifications* għall-Kuntratt ta' *Contracts Manager*. Huwa propona li l-Kunsill għandu joħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għal perjodu definittiv biex il-Kunsill ikollu s-servizz mill-iktar fis possibbli.

378.2.7 Il-Kunsilliera Francine Farrugia daħlet fis-6.35pm.

378.2.8 376.15.2 Is-Sindku qal li mar fuq il-post ma' rappreżentant ta' Transport Malta. Huwa qal li wara li ġew ikkunsidrati is-siti kif proposti, ġie stabbilit li l-aħjar opzjoni hija li l-*bus stop* terġa tersaq fis-sit fejn kienet qabel ma saru ix-xogħolijiet. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li bil-*bus stop* hemmhekk, ser jintilfu żewġ parkeġġi. Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandha tiġi f'post fejn meta tieqaf il-karozza tal-linja ma tostakolax it-traffiku u allura dan is-sit kien tajjeb. Rigward linji tal-parkeġġ qal li l-Kunsill għandu jara jekk il-garaxxijiet mibnija humhiex filfatt garaxxijiet jew ħwienet.

378.2.9 376.15.9 Il-Kunsilliera Francine Farrugia saqsiet jekk kienx hemm xi risposta mingħand id-Dipartiment tat-turiżmu rigward Dog-Friendly beach in-naħa ta' Għar Lapsi. Is-Sindku qal li ma kien hemm l-ebda risposta. Hu kien ser iżommha infurmata meta jkun hemm risposta.

378.2.10 376.15.13 Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li rigward il-lista ta' responsabbiltajiet, id-Dipartiment ġibed l-attenzjoni li ma jistax ikun hemm żewġ Kunsilliera assenjati bl-istess responsabbilta'. Għalhekk qed jiproponi li l-Kunsilliera Francine Farrugia tkun responsabbli mill-Qasam Soċjali u Komunitajiet, il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit l-Ambjent, filwaqt li l-Infrastruttura u Innovazzjoni ikunu taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsillier Julian Borg.

378.2.11 Inqraw il-Minuti tas-Seduta b'urġenza 377

Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-Minuti. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill unanimament approva.

378.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

378.3.1 Is-Sindku preżenta kopja tal-ktieb Id-Devozzjoni u l-Kult Marjan Fir-Reġjun tan-Nofsinhar, ippubblikat mir-Reġjun Nofsinhar, lill-Kunsill Kunsillier.

378.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li ser jibda jkun jkun hemm rondi minn uffiċċjali tal-LESA anka bil-lejl, fuq rimi ta' skart illegali. Huwa qal li ġew mitluba jingħataw tlett hotspots biex jiġu *monitored*, u dawn ġew preżentati lill-LESA . Huwa qal lill-Kunsilliera biex jekk ikunu jafu xi inħawi oħra jgħadduhom lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli ninfurmaw lill-LESA.

378.3.3 Is-Sindku informa li qed isiru diskuzzjonijiet mir-reġjun biex jiġu provduti *cctvs* lill-Kunsilli Lokali għal monitoraġġ ta' illegalitajiet.

378.3.4 Is-Sindku qal li kien infurmat minn Transport Malta li irċevew rapporti li kien hemm inċident ta' sajjied li żelaq mal-blat f'Għar Lapsi għalhekk ser isir taraġ biex jiffaċilita' l-aċċess lis-sajjieda biex jinżlu mid-djgħajsa tagħhom minn mal-irmiġġ għal fuq il-blat mingħajr periklu. Huwa qal ukoll li ser titranġa l-i*slipway* bil-konkos minħabba ħsarat li kienu ġġarrbu b'maltemp.

378.3.5 B'referenza għal SPI3/2019 – Fond għaż-żamma u l-Manutenzjoni ta' proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern, għal liema skema l-Kunsill preċedenti kien applika bi proġett ta' €92,000 u ġew approvati biss €1,755.84, is-Sindku qal li l-Kunsill issottometta appell għal din id-deċiżjoni. Is-Sindku infurma li d-Dipartiment laqgħa l-appell u ġew approvati €72, 437 addizzjonali għal dan il-proġett.

378.3.6 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Konfraternita tal-Karita' tal-Belt u uffiċċjal mill-Kurja rigward ħsarat strutturali il -Kappella tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fawwara. Is-Sindku preżenta żewġ rapporti dwar il-ħsarat kummissjonati minnhom. Huwa qal li qed jagħmlu talba għall-għajnuna. Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Dominic Grech ser ikunu qed jigwidawhom dwar skemi jew għajnuna minn fondi tal-UE. Is-Sindku propona li 'l quddiem issir laqgħa pubblika informattiva fuq dan is-suġġett.

378.3.7 Is-Sindku infurma li l-AAC kienu bagħtu l-proposta li jiffinanzjaw it-trasport għal vann tat-Tnejn. Is-Sindku propona li jiġi aċċettat u ffirmat il-ftehim kif preżentat preċedentement wara li tiżdied il-klawsola tal-finanzjament tat-trasport ta' nhar ta'

Tnejn. Il-Kunsill unanimament qabel.

378.3.8 Is-Sindku qal li ġie infurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li kienu ġew aċċettati l-*claims* mill-assikurazzjoni għal ħsarat mill-maltemp fil-lift taċ-ċentru ċiviku, ammont €758 u l-persjani tat-twieqi tat-taraġ, ammont €2570.

378.3.9 Is-Sindku qal li irċieva talba mill-ħaddiem tal-CWS assenjat mal-Kunsill għal rimbors ta' €80 fix-xahar għall-użu tal-vann u għodda tiegħu fl-eżekuzzjoni tax-xogħol. Il-Kunsill ikkunsidra t-talba u approva unanimament li jibda jingħata r-rimbors minn Ottubru 2019.

378.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

378.4.1 Il-Viċi Sindku proponiet lis-Sinjorina Eliża Farrugia bħala Ambaxxatriċi taż-żagħżagħ fi ħdan il-Kunsill Lokali. Is-Sindku issekonda. Il-Kunsill approva unanimament.

378.5 Proġett Komunitarju għat-tfal u ż-Żagħżagħ

Is-Sindku infurma li konna ġejna mistednin għal laqgħa minn The Malta Foundation for the Wellbeing and Society. F'din il-laqgħa li għaliha attendiet is-Segretarju Eżekuttiv, ġew imħabbra seba' lokalitajiet biex fihom isir proġett tal-komunita', fosthom is-Siġġiewi. Ġie identifikat Ramija Housing Estate bħala sit. Il-proġett ser ikun iffinanzjat kollu u mwettaq mill-Ministeri tal-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma, il-Ministeru għall-Anbjent il-Ministeru għat-Trasport u l-Malta Trust Foundation. Dan il-proġett sa jkun immirat għat-tfal u żagħżagħ, il-komunita' in generali u il-ġenituri. Iktar dettali ser jiġu komunikati 'l quddiem. Għalissa il-Kunsill ġie mitlub jidentifika *stakeholders* fil-lokalita'.

378.6 Immaniġġjar tat-Traffiku fi Triq It-Tabib Nikola Zammit u ż-żona tal-iskola

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mas-Supretendent u l-Ispettur tad-Distrett rigward it-traffiku fi Triq Ħal Xluq fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-Iskola. Huwa qal li l-ikbar tħassib hija s-sigurta' tat-tfal. Wara diversi diskussjonijiet biex tinstab l-aħjar u l-iktar soluzzjoni effiċjenti, ġie maqbul li b'mod proviżorju jitqegħdu barriers biex tingħalaq Triq Ħal Xluq fejn tmiss ta' Triq l-Iskola u anka fit-tarf l-ieħor ta' Triq Ħal Xluq ma' Triq it-Tabib Nikola Zammit. Uffiċċjal tal-Pulizija jkun jikkontrolla fi Triq l-Iskola u jintalab uffiċjal tal-komunita' għal kontroll in-naħa ta' Triq it-Tabib Nikola Zammit fejn jieqfu l-vannijiet tat-tfal. Sussegwentement, jitpoġġew bollards minflok il-barrier ta' Triq Ħal Xluq ma' Triq l-Iskola, u dawn jitpoġġew u jitneħħew mill-Pulizija, fil-ħinijiet skond it-tabella eżistenti approvati minn TM. Is-Sindku qal li meta jitwaħħlu l-bollards għandhom jinħarġu l-permessi għall-aċċess għar-residenti. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposti tas-Sindku.

Is-Sindku kompla jgħid li flimkien mal-Kunsillier Julian Borg qed jaħdmu fuq rotta għall-immaniġġjar tat-traffiku fit-toroq. Is-Sindku preżenta diveri sketches u ritratti u stieden lill-Kunsillier Borg jispjega. Il-Kunsillier Julian Borg ta spjegazzjoni tal-proposta. L-*isketch* turi diversi toroq jiġu *one-way*, waqt li ġiet studjata d-direzzjoni tal-*flow* tat-traffiku kemm 'lisfel lejn Triq Wied Hesri kif ukoll 'il barra direzzjoni lejn ir-Rabat. Filwaqt li it-toroq one-way joffru *flow* aħjar, ikun jista' jibqa l-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-toroq. Anka mad-dawra tal-iskola. Fil-ħinijiet tal-iskola jingħalaq l-ażżess fit-tarf ta' l-Imdina minn Triq it-Tabib Nikola Zammit lejn Triq l-Iskola, u jsiru *road markings* adatti, *zebra crossings* u tabelli.

Hu qal li malli tkun finalizzata, ssir laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni mar-residenti u anka mal-komunita' tal-ħwienet taż-żona. Il-proposta imbagħad tintbagħat Transport Malta għall-approvazzjoni.

378.7 **Measure 2 – Strenghtening a Healthy Cultural Identity – Majjistral Action Group**

Is-Sindku informa li l-Gal Majjistral nieda skema fuq Kultura. L-iskema tkopri investimenti infrastrutturali għal inizjattivi kulturali ġodda jew eżistenti, li jippromwovu l-kultura lokali fit-territorju tal-Majjistral. L-iskema tagħmel parti mill-Rural Development Programme 2014-2020. Il-proġett ikun iffinanzjat 75% mill-iskema u 25% mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku propona li napplikaw għal xiri ta' *floodlighting* u dwal ieħor għal Mixgħela annwali tas-Salib tal-Għolja. Il-Kunsill unanimament qabel.

378.8 **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvillup fis-Siġġiewi.

378.8.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal applikazzjoni PA7228/19, To renew permit PA 316/03 - to construct a concrete brick factory, site at Ta' Kandja. Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jieħu l-parir tal-perit tal-kunsill sabiex nġibu aktar informazzjoni fuq din l-applikazzjoni u tittieħed pożizzjoni fuqha.

378.9 **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

378.9.1 Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand l-Opal Ltd., li għandu il-Kuntratt mal-Kunsill għas-Supply tal-Play equipment f'Għar Lapsi. Is-Sur Bonello qed jitlob lill-Kunsill jikkunsidra ħlas ta' 50% fuq l-ammont tal-Kuntratt, peress li skond l-istess kuntratt il-materjal kellu jiġi nstallat f'Marzu 2019 u għalhekk hu qed jeħel spejjeż żejda ta' magazzinar għal dawn ix-xhur. Is-Sindku qal li għalkemm id-dewmien fit-tlestija tal-proġett ta' Għar Lapsi mhux tort tal-Kunsill, u li għaddew seba' xhur minn meta l-equipment kellu jitpoġġa fil-post, jipproponi li l-Kuntrattur jitħallas 25% tas-somma, wara li l-Perit tal-Kunsill ikun ra li l-*equipment* huwa kif rikjest fil-Kuntratt. Il-Kunsillier Julian Borg qal li mal-pagament il-Kunsill għandu jagħmel ittra bl-avukat li l-pagament. Il-Kunsill unanimament qabel.

378.9.2 Is-Segretarju preżenta korrispondenza mingħand il-Wasteserv – Social Marketing campaign. Din hija kampanja ġdida għal separazzjoni ta' skart. Il-Wasteserv qed jitolbu li jiġi trakk fil-lokal kull erba' ġimgħat u jaċċetta skart bħal jublo, żejt tal-qali, bozoz u materjal ieħor bħala inċentiv biex il-pubbliku ma joqgħodx imur bihom fl-*amenity site*. Il-Kunsill qabel ma din l-inizattiva u li t-trakk ikun ipparkjat fil-pjazza fejn kien hemm il-venda.

378.9.3 Is-Sindku rrefera għal Ċirkulari AKL2019/104 – Priority Information Visit to the EU Institutions 28-30 October 2019. Is-Sindku infurma li l- kunsilliera Francine Farrugia kienet ġiet magħżula biex tattendi. Din il-mawra ser tkun qed tagħti aktar informazzjoni lill-membri eletti fuq l-irwol tal-istituzzjonijiet tal-UE u ser jiġu diskussi suġġetti varji li jirrigwardaw prijoritajiet ewlenin.

378.9.4 Is-Sindku rrefera għall-istedina għal Laqgħa Plenarja Straordinarja tal-AKL li ser issir fil-25 u s-26 t'Ottubru 2019. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera jattendu u min ser jattendi għandu jinfurma lis-Segretarju Eżekuttiv kemm jista' jkun malajr biex isir il-*booking*.

378.10 **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

378.11 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

378.12 **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

378.12.1 Il-Kunsillier Adrian Farrugia informa lill-Kunsill li l-attivita' ta' Pjazza Milied ser issir fl-14 ta' Diċembru 2019, u li qed jiġi mħejji l-programm flimkien mal-membri tal-Kumitat.

378.12.2 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li rċieva diversi ilmenti mingħand residenti fi Triq Nicolo Baldacchino li qed jaqalgħu ċitazzjonijiet jekk ikunu pparkjati f'post li mhemmx linji sofor u li għalihom ikunu pparkjati sew. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet pjanta tal-post eżatt in kwistjoni.

378.12.3 Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa għaliex għadha ma' twaħħlitx ic-*cctv* fi triq Ramija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ma twaħħlitx minħabba li apparti l-ispiża tal-*camera* in se kien hemm bżonn installazzjoni tal-arloġġ tad-dawl u konnessjoni ta' internet. Is-Sindku issuġġerixxa li tiġi studjata il-possibilta li jiġi applikat għal meter proviżorju tad-dawl.

378.12.4 Il-Kunsillier Grech qal li rċieva talba għall-installazjoni ta' u-bar fuq il-bankina fil-kantuniera ta' Triq it-Tank ma' Triq San Ġorġ Preca, peress li qed tintlaqat il-faċċata.

378.12.5 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li flimkien mas-Sindku kellu laqgħa ma' l-Għaqda Kulturali Siġġiewi fejn ġew diskussi bosta inizjattivi kulturali għal tul din il-leġislazzjoni. L-għaqda proponiet ħidma id f'id mal-Kunsill biex jiġi kkulivat il-ġid kulruali tal-lokal. Huma proponew kalendarju kulturali u *marketing*. Proponew siti għal restawr u laqgħa mad-Direttorat tar-Restawr għal inizjattivi ta' restawr, finanzjamenti minn fondi ta' l-Ewropa u sponsorships. Ġie ssuġġerit anka li jitwaħħlu plakek storiċi b'informazzjoni, *mobile application* u sistemi oħrajn.

378.12.6 Il-Kunsillier Grech qal li jirċievi diversi lmenti dwar id-dewmien biex tinġabar il-borża s-sewda nhar ta' Tnejn u anka li ċerti boroż jinqabżu.

378.12.7 Il-Viċi Sindku qalet li fi Triq tas-Sruġ hemm parti fejn jinġabar ħafna ilma meta taġġmel ix-xita. Is-Sindku wieġeb li din it-triq inkluża fil-proġett tal-Miżura 4.3 li ser jingħataw wiċċ fix-xhur li ġejjin.

378.12.8 Il-Viċi Sindku infurmat li flimkien mal-Kunsill Lokali Tfal u Kunsill Lokali Żagħżagħ ser isir *cake sale* bħala inizjattiva għal Puttinu.

378.12.9 Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li hemm bżonn tindif tal-*culverts* fit-Triq Panoramica, fejn qed isir ir-radam.

378.12.10 Il-Kunsillier Farrugia fakkar biex teħel mera tat-traffiku fil-*bypass* għal min ħiereġ minn Triq il-Ħsad. Qal ukoll li hemm bżonn issir *zebra crossing* għax it-triq qegħda perikoluża immens biex taqsam.

378.12.11 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li TM jiprovdu b'xejn *stands* għar-roti. Hija ssuġġeriet li jitpoġġew fejn l-iktar fekwentat mit-tfal u adolexxenti bżal ġdejn il-Knisja, ħdejn l-iskola, il-bandli, u ħdejn il-mużewijiet.

378.12.12 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li fit-Triq lejn għar Lapsi hemm bżonn isiru iktar lampi għax ikun hemm dlam ċappa. Is-Sindku qal li t-triq ta' Għal Lapsi qegħda inkluża fl-iskema SPI3/2019 u ser jiġu installati rifletturi tat-traffiku kemm f'din it-triq kif ukoll fit Triq ta' san Niklaw.

378.12.13 Il-Kunsilliera Farrugia semmiet ukoll bankina mħarbta fi Triq Nicolo baldacchinio biex isirulha t-tiswijiet meħtieġa.

378.13 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 21 t'Ottubru 2019 fis-6.30ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 21 t'Ottubru 2019

| | |
|---|---|
| Dr Kurstein N. Sant<br>Sindku | Ritienne Giorgino<br>Segretarju Eżekuttiv |